# Kumitat Amministrattiv SWATAR

## Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

**Minuti**

## Seduta Nru. 47/2014

Data: Il-Gimgha, 2 ta' Mejju 2014

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Mary Rose Mifsud – *Chairperson*<br>Catherine Mangion – *Membru*<br>Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*<br>Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku, Kunsill Lokali L-Imsida*<br>Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati | Rudolph Cini – *Membru* |
| Assenti | John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson* |

**AĠENDA**

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Traffic Management ġewwa s-Swatar;
6. Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi;
7. Laqgħa Pubblika;
8. SMS Alerts u Imejls Privati;
9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
10. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 47/2014

Annex A

Minuti 47/2014

# 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fis-18:20pm minħabba li ma kienx hemm kworum.

1.2 Iċ-Chairperson bdiet il-laqgħa b'talba.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti nqraw u ġew approvati.

# 3. Punti Mqajma mill-Minuti

3.1 Punt 3.7 – Fuq is-Sleeping Police il-Kumitat ġie informat li kellu jiċċekkja fuqha s-Sur Emanuel Brincat.

*Sleeping police – triq is-Swatar/Balliju Gutenberg*

3.2 Punt 7.3 – Fuq l-arbli ta' l-injam is-Segretarju għandha ssemmi din il-materja f'laqgħa li għandha ma' l-uffiċċjali tal-GO.

*Arbli tal-GO*

3.3 Punt 4.1 – Saret laqgħa maċ-Chairperson tal-HA minħabb l-art tas-Sisla u garaxx biex jintuża bħala uffiċċju tal-KAS pero' s-Segretarju għadha tistenna risposta mingħand il-HA.

*Tas-Sisla*

Il-Kumitat ġie informat b'permess ta' 'renewal' mal-MEPA għal fuq l-art tas-Sisla. Il-KAS qabel li l-oġġezzjoni tinkludi suġġerimenti li jsir parkeġġ taħt il-bini, li s-7 ħwienet jintużaw għall-uffiċini u għaqdiet biex ikun hemm servizzi fis-Swatar bħal għassa, berġa, spiżerija, uffiċċju tal-KAS u ċentru ċiviku u li jitħalla żona ta' rekreazzjoni. Il-Kumitat qabel li iċ-Chairperson tal-HA tiġi nformata bl-oġġezzjoni tal-KAS. Iċ-Chairperson tal-KAS informat lill-membri li issetjat laqgħa tad-DLG biex tiddiskuti ir-raġunijiet għalfejn id-Dipartiment ma nfurmax lil-KAS li l-art ġiet mgħoddija lill-HA. Hi qalet li ntefqu tlett elef ewro fuq il-pjanti u tħoss li huwa insult li ma ġewx informati.

3.4 Punt 3.9 – L-iskola tas-St Martin's lestew ix-xogħol li kellhom ippjanat u sar qbil li jiġu irringrazzjati talli wettqu dan ix-xogħol li kien imwiegħed għal diversi snin. Sar qbil li l-Perit tal-Kunsill ta' L-Imsida jintalab imur jiċċekkja Triq Indri Grima biex jiġi kkonfermat il-possibilita' li tintuża din it-Triq.

*St Martin's College*

3.5 Punt 4.6 – Fuq is-siti li identifkaw il-KAS għall-proġett Lokalitajjiet aktar Ħodor, il-KAS ġie infurmat li d-Dipartiment ta' L-Artijiet informahom li dawn is-siti huma artijiet privati. Is-Segretarju għandha tipprovdi l-korrespondenza lill-membri tal-Kumitat.

*Lokalitajiet Aktar Ħodor*

# 4. Korrespondenza

4.1 Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

# 5 Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi

5.1 Filwaqt li l-elezzjonijiet ser isiru fl-24 ta' Mejju s-Segretarju mhix informata fuq id-data ta' meta ser jibda jopera l-Kumitat il-ġdid.

*Elezzjonijiet*

# 6 Laqgħa Pubblika

6.1 Iċ-Chairperson qalet li mportanti li ssir Laqgħa Pubblika biex tkun l-aħħar waħda u sar qbil li din issir fid-9 ta' Mejju 2014 fis-Sala tal-Parroċċa. Il-membri tal-Kumitat qablu li jiġu mistiedna l-kandidati tal-Kumitat il-ġdid għal din il-laqgħa, u s-Segretarju għandha tinformahom. *Laqgħa Pubblika*

6.2 Waqt din il-laqgħa ser jiġi diskuss: li l-Kumitat mhux jingħata rendikont tal-flus li qed jintefqu fis-Swatar mill-Kunsilli u li jiġi msemmi li fl-Imsida bdew sistema ġdida; x'ġie ssuġġerit lill-MEPA għas-sit ta' Rationalisation, l-art tas-Sisla – l-oġġezzjoni tal-Kunsill u l-petizzjoni tal-Paroċċa, u li l-Kumitat kien qed jaħdem b'mod volontarju matul dawn is-snin. *Materji li ser jiġu diskussi fil-laqgħa pubblika*

## 7 Kommunikazzjoni Miċ-Chairperson

7.1 Iċ-Chairperson informat lill-membri li ser issir l-attivita' Swatar Fest fis-17 ta' Mejju 2014. Qalet li l-Kunsill ta' L-Imsida qed jipprepara Festun u dan ser jingħata lill-Knisja għal din l-attivita'. Qalet li l-Kunsill ta' Birkirkara selfuhom il-palk u ser iħallsu l-bozzoz tal-Festun. *Swatar Fest 2014*

7.2 Iċ-Chairperson saqsiet fuq it-taraġ li jagħti mis-Swatar għal Triq il-Wied u s-Segretarju spjegat li qrat korrespondenza li kienet qed tgħid li l-art hija tal-Gvern Ċentrali u li kien intalab parir dwar jekk jistax jiġi devolut lill-Kunsill biex isir ix-xogħol u jerġgħa jingħata lura, pero' ma kienx hemm aktar informazzjoni. Din hija xi ħaġa li jrid jkompli jinvestiga l-Kumitat il-ġdid. *Taraġ mis-Swatar għal-Triq il-Wied (B'Kara)*

7.3 Iċ-Chairperson irringrazzjat lill-membri tal-Kumitat u qalet li hi xorta ser tibqa attiva' fis-Swatar permezz ta' l-għaqda Leħen is-Swatar li ser twaqqaf hi flimkien ma xi volontiera oħra fis-Swatar. Hi qalet li ser tistieden lill-Eċċ President ta' Malta biex tattendi s-Swatar Fest biex turiha t-talent li hemm fis-Swatar u l-bżonnijiet ta' dawk li jgħixu fil-lokalita' u anke biex tinformaha b'din l-għaqda. Qalet ukoll li hija tixtieq li hi taħdem id f'id mal-KAS fis-snin li ġejjin. *Leħen is-Swatar*

## 8 Għeluq u Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-19:00

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv

Data